Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – It-Tnejn 25 ta' Lulju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-3:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| Skużat: | Giuseppi Attard | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

## 3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li għandna niċċekjaw il-kontenut tal-ittra li kienet ntbagħtet is-sena l-oħra mill-parroċċa fir-rigward ta' tindif tal-Pjazza fil-jiem tal-festa u wara niddiskutu dwarha.

3.2 Is-Sindku rrefera għall-pjanijiet li kienu qed isiru għan-Nutellafest u li l-Inspire donnha qed taqta qalbha mill-organizazzjoni ta' din l-attivita' għal dan is-sajf.

3.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal fatt li fid-9 ta' Settembru fiż-Żewwieqa hemm pjanata l-attivita' mtellgħa mid-Dipartiment tal-Kultura Għawdex, Stage and Proms on the Sea.

3.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proposta sabiex isir Beer Festival fiż-Żewwieqa li ser jittellgħa mill-għaqdiet tal-lokal. Il-Farsons lesta li jtuhom il-birra bi prezz ridott kif ukoll fridges u tined. Il-pjan kien li din l-attivita' tittellgħa għal

Settembru iżda jidher li ser tiġi wisq ġol-festa u mhux ser jilħqu jsiru l-preparamenti meħtieġa. Sar qbil li jekk din l-attivita' titellgħa l-Kunsill għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

3.5 Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu għal fatt li ż-żewġ applikazzjonijiet li l-Kunsill issottometta, dik tan-Network of Towns kif ukoll dik tal-Youth Transnational, it-tnejn li huma ma ġewx aċċettati.

3.6 Is-Sindku rrefera għal fatt li l-ktejjeb ta' Hidmet il-Kunsill għadu ma tlestiex u li qabbad grupp ta' żgħażagħ biex jaħdmu fuqu. Huwa semma' li qed jinġabar il-materjal kollu meħtieġ u qed jintbgħat lil kumpanija Keen li qed taħdem fuq din il-biċċa xogħol. Is-Sindku semma' wkoll li wara l-festa dawn l-istess żgħażagħ ser jibdew jaħdmu fuq fuljett informattiv.

3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa sabiex jitbattlu l-ponds u għadajjar kollha li għandu l-Kunsill fil-lokal minħabba l-virus Zika. Kaġun ta' dan il-papri li hemm f'Bethlehem ma għandhom ilma fejn jgħumu. Minn stħarriġ li għamel il-Kunsill, irriżulta li l-papri jgħixu mingħajr ilma biex jgħumu fih, l-importanti li jkollhom ilma biżżejjed biex jixorbu. Fil-fatt il-papri ta' Bethlehem f'Għajnsielem għandhom tank ilma.

3.8 Is-Sindku rrefera għal problema tal-funtana u għal fatt li hemm xi *leakage* li ma jafux eżatt minn fejn hu ġej. Xħin iċarċar l-ilma mhux qed imur kollu ġot-tank. Huwa semma' li l-perit issuġġerixxa li ssir xi tiswija fil-pump room. Sar qbil li għandhom isiru r-rimedji kollha neċessarji biex nirranġawha u tibda taħdem kif suppost.

3.9 Is-Sindku rrefera għal-Memo li ħarġet mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal-fondi ta' restawr. Huwa semma' li ma jistax jifhem kif l-applikazzjoni ħarġet għall-Kunsilli ta' Malta biss. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jekk din l-applikazzjoni tiġi estiża għal Għawdex, għandna napplikaw għar-restawr tal-faċċata tal-Knisja ta' Lourdes u l-Knisja l-Qadima.

## 4.0 Għajnsielemfest

4.1 Sar qbil li bħas-sena l-oħra, Għajnsielemfest jinqasam f'żewġ serati. Sar qbil li l-ewwel serata ssir nhar il-Hamis 18 t'Awwissu billi tinġab il-Band D Capitals għall-prezz ta' €900 inkluż is-sound system. Sar qbil li l-attivita' ssir fil-Pjazza tad-Dehra għax b'hekk niffrankaw il-kiri tal-palk kif ukoll backdrop għas-serata. Il-Kunsill qabel li jdawwal il-post għall-okkażżjoni. Sar qbil li għandu jkun hemm xi attivitajiet għat-tfal fil-playing field waqt l-istess attivita'. Sar qbil ukoll li f'din is-serata ninkludu lill-Charles Buttigieg.

4.2 Sar qbil li t-tieni serata ta' Għajnsielemfest għandha ssir fl-istess post nhar il-Hadd 20 t'Awwissu li tkun tinkludi fis-serata ta' talent lokali. Sar qbil ukoll li ninkludu xi kumpaniji ta' żfin. Bħala mistiedna speċjali sar qbil li għandha tinġab Destiny u bħala preżentaturi għandna nikkuntatjaw lil Renato u Mary Rose Mallia. Sar qbil ukoll li bħas-serata ta' qabel għandna nġibu xi entertainment

għat-tfal fil-playingfield. Sar qbil li l-attivita' għandha tibda kmieni biex ma ntawwlux iżżejjed. L-għaqdiet għandhom jiġu kkuntatjati biex jiftħu xi stands ta' ikel u xorb għal matul dawn iż-żewġ attivitajiet. Għal din is-serata jinħtieġ li jinkera s-sound.

4.3 Sar qbil ukoll li għandu jsir poster ta' dawn iż-żewġ attivitajiet u jsir reklamar fuqhom.

4.4 Intlaħaq qbil li għandna ninformaw lil Transport Malta u lill-Pulizija bl-għeluq tat-toroq għal dawn l-attivitajiet u għall-attivitajiet l-oħra ta' matul il-festa.

## 5.0 Festa Kemuna

5.1 Il-festa ta' Kemuna din is-sena ser issir nhar il-Ġimgħa 19 t'Awwissu u s-Sibt 20 t'Awwissu. Il-Ġimgħa ser issir ikla tradizzjonali filwaqt li s-Sibt ser issir il-festa. L-istatwa tal-Madonna ser tittiehed mix-Xatt bid-dgħajsa u tintlaqa' b'purcissjoni. Bħala trasport ser isir bil-laneċ għal prezz ta' €7 kull persuna bir-return. Il-Kunsill ser jgħin f'dawk li huma xogħolijiet ta' preparazzjoni kif ukoll billi jipprovdi l-banda tal-lokal. Sar qbil li l-ikel tas-Sibt ser ikun fdat f'idejn l-għaqdiet tal-lokal.

5.2 Ser jinħareġ fuljett informattiv dwar il-festa u ser jitqassam madwar Għawdex kollu. Is-Sindku ġie mistieden biex jagħmel diskors tal-okkażżjoni fuq dan l-istess fuljett.

## 6.0 EMW Week

6.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-applikazzjoni li ssottometta l-Kunsill għall-attivitajiet konnessi mal-Car Free Day u l-European Mobility Week ġiet aċċettat iżda bil-kundizzjoni li ċerti spejjes ma jikkwalifikawx. Il-Kunsill qabel li għandu jemenda l-programm u jinkludi aktar attivitajiet li l-ħlasijiet tagħhom huma eliġibli.

6.2 Bħala applikazzjoni għall-Award konnessa mal-EMW li l-ewwel premju tagħha huwa dak ta' €50,000 u t-tieni huwa dak tal €30,000, il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal electric minibus on-demand ghall-anzjani, dawk li jgħixu waħidhom u bħala trasport għall-iskola biex jonqos it-traffiku u t-tniġġis fl-arja fil-lokal.

## 7.0 Tender tal-knis

7.1 Is-Sindku semma' li fid-dawl tal-fatt li l-kuntratt tal-knis skada, kien ser jipproponi li jpoġġi tlett ħaddiema minn tal-Kunsill biex jikinsu huma, iżda qed jirrizulta li dan mhuwiex possibli.

7.2 Sar qbil għalhekk li għandu jinħareġ kuntratt ġdid wara l-festa li jkun jinkludi wkoll minbarra l-postijiet imniżżla fuq il-kuntratt ta' qabel, it-tindif tal-Pjazza tad-Dehra u Belveder. Sar qbil li l-kuntratt jinħareġ għal sena u jista jiġġedded sa tlett snin.

## 8.0 Proġett Garden Street

8.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett ta' Garden Street u għall-fatt li x-xogħol miexi u mistenni jintemm sal-festa. Huwa semma' li ngħatat sodda tal-konkos minħabba l-għeruq tas-siġra.

8.2 Il-Viċi Sindku ssuggerixxa li nixtru xi 3 jew 4 bankijiet u nagħmluhom bħal dawk ta' Triq Mgarr biex ikunu kollha uniformi.

8.3 Sar qbil li jsiru low lights u jitqabbdu permezz ta' kaxxa mal-arblu tal-viċin.

8.4 Bħala ħtieġa ta' porfido nġabru żewġ stimi; mingħand Joe Grima għall-prezz ta' €35.40 il-metru nkluż il-VAT u oħxon żewġ pulzieri u mingħand Omar Fava għall-prezz ta' €33.04 il-metru nkluż il-VAT u oħxon pulzier. Il-Kunsill qabel li għandu jordna 25 metru mingħand Joe Grima peress li l-materjal huwa bil-wisq aktar f'saħħtu.

8.5 Sar qbil ukoll li għandha ssir dik il-feature tal-injam madwar is-siġra bil-materjal tal-iroko. Sar qbil li għandna niġbru stima tax-xogħol meħtieġ.

## 9.0 Stima tat-Tisqija

9.1 Wara li nħarġet l-istima tat-tisqija tas-soft areas, daħlet waħda biss mingħand Sammy Attard għall-prezz ta' €40 kull bowser kbir. Bejn wieħed u ieħor biex jissaqqa kullimkien fis-sajf, darba fil-ġimgħa, jkun jinħtieg kalkolu ta' tlett bowsers.

9.2 Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel din l-istima.

## 10.0 Proġett tal-Frame

10.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-proġett jinħtieġ li jitkompla u li l-passaġġ għandu jsir jew printed concrete jew pavimentar. Sar qbil li għandna nitolbu lil Perit jipprepara l-ispecifications u noħorġu stima; waħda għall-materjal biss u oħra għax-xogħol materjal u naraw minn hemm.

## 11.0 Tolfarte 2016

11.1 Saret referenza għall-grupp ta' żgħażagħ li ser jirrapprezenta lil Għajnsielem f'Tolfarte 2016. Il-grupp ta' madwar 30 żgħażugħ/a ser ikun akkumpanjat mid-

delegazzjoni tal-Kunsill komposta mis-Sindku, mill-Viċi Sindku, mis-Segretarja tal-Kunsill u mill-kunsilliera Peter Caruana u Karen Xuereb.

11.2 Sar qbil li l-Viċi Sindku għandu jipprepara programm ta' attivitajiet u jitqassam lill-parteċipanti kollha waqt laqgħa li ser issir apposta nhar l-Erbgha 3 t'Awwissu fis-6:00pm.

11.3 Is-Sindku propona li jiġu printjati t-shirts lill-partecipanti kollha għal din l-okkażżjoni.

11.4 Sar qbil li l-parteċipanti kollha għandhom jikkontribwixxu billi jġibu xi ikel tipiku biex jintrema fuq il-mejda ta' Malta waqt Tolfarte.

## 12.0 Festa 2016

12.1 Sar qbil li għandna nżidu xi bins ma' li għandna fosthom tar-recycling. Sar qbil li għandna niġbru stima għat-tbattil tagħhom fil-jiem tal-festa.

12.2 Sar qbil ukoll li għandha ssir searchlight wara l-każin għax ikun mudlam ħafna.

12.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-organizatturi tat-tiġrija taż-żwiemel u li bażikament jinħtieġu l-istess bżonnijiet tas-sena l-oħra, tinda, mobile toilets, ilma u servizz tal-ERRC.

12.4 Il-Viċi Sindku propona biex fil-ġimgħa tal-festa t-toroq ta' quddiem il-każini jingħalqu għat-traffiku u t-trasport pubbliku ma jibqax jgħaddi mill-5pm 'l quddiem.

## 13.0 Proġett Pjazza Tolfa

13.1 Is-Sindku propona sabiex isir upgrading lill-Pjazza Tolfa billi l-materjal intużat fl-upgrading jinġab minn Tolfa stess, jiġifieri jekk inhu pavimentar, ġebla minn tagħhom. Sar qbil għandna nitkellmu mal-Comune ta' Tolfa fuq dan il-proġett kif jista jsir bi sħab, anke permezz ta' designer minn tagħhom. Sar qbil li għandna nitolbu sabiex huma joffru l-materjal u aħna nieħdu ħsieb it-trasportazzjoni tiegħu.

13.2 Il-Viċi Sindku propona li nistgħu wkoll inqabbdu lid-designer Paul Stellini peress li huwa midħla sew ta' Tolfa.

## 14.0 Risposta għall-Management Letter

14.1 Saret referenza għall-Management Letter provduta mill-Awdituri wara l-Awditjar tal-Kunsill. Il-Kunsill ra l-kontenut u qabel mat-tweġiba proposta mill-Accountants tal-Kunsill.

## 15.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

15.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 16.0 Materji oħra

16.1 Is-Sindku rrefera għall-inċident ieħor li kellu fl-uffiċju tal-Kunsill stess meta l-ħaddiem Pawlu Saliba daħal jħeddu u jinsulentah quddiem l-impjegati kollha tal-Kunsill. Huwa semma' li s'issa ma kienx ħa passi kontra tiegħu iżda issa li dan baqa' sejjer biha, kellu jmexxi l-proċess. Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-kuntratt ta' Pawlu ser jiskadi fil-31 ta' Lulju u huwa propona li ma jiġġeddidx. Il-kunsilliera wrew is-simpatija tagħhom mas-Sindku u qablu li għandhom jinfurmaw lid-Dipartiment li mhumiex lesti li jġeddu l-kuntratt. Sar qbil li għandha ssir talba sabiex id-Dipartiment jipprovdi replacement tiegħu permezz tal-applikazzjoni ta' Josef Camilleri.

16.2 Is-Sindku rrefera għall-kopja tas-sentenza maqtugħa mill-qorti rigward l-Spring board tax-Xatt l-Aħmar. Il-Kunsill qabel li għandu jirrispondi li din kienet hemm qabel ma twaqqaf il-Kunsill Lokali u li mportanti li tkun mal-istandards. Is-Sindku semma' li huwa mhuwiex ser jerfa' responsabilita' u jekk issir xi spezzjoni u l-Kunsill jintalab jirranġaha, dan għandu jsir skond l-ispecifications stabiliti iżda jekk jiġu bil-proposta li din titneħħa ghax mhix sigura, il-Kunsill ikollu jieħdu deċiżżjoni mod ieħor.

16.3 Is-Sindku rrefera wkoll għas-sellum tal-baħar li hemm fix-Xatt l-Aħmar u li l-aħħar skalluna tinsab imbegħda mill-blat. Huwa rrefera għall-inċident li ġara din il-ġimgħa stess u setgħa kien aktar gravi fejn tifla żelqet bejn it-taraġ u l-blat. Sar qbil li għandna naraw kif nagħmlu pjattaforma mal-ewwel skalluna.

16.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg rrefera għal qasma fil-blat fix-Xatt l-Aħmar li qed tirrestrinġi l-aċċess għan-naħa l-oħra tal-bajja. Huwa rrefera għall-parir li ħa li l-aħjar tinstadd bil-ġebel u nirranġawha ftit. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol bl-għajnuna tan-nies li juzaw il-post.

16.5 Il-Kunsilliera Karen Xuereb semmiet li t-tabelli tal-MTA għax-Xatt l-Aħmar jinsabu lesti u naraw fejn ser inwaħħluhom.

16.6 Sar qbil li għandna nordnaw żewg tabelli għax-Xatt l-Aħmar li jindikaw li qed jaqa l-ġebel u biex ma joqgħodux jixxemxu hemmhekk minħabba l-periklu.

16.7 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħajt fit-telgħa ta' Lourdes u li jinħtieġ li jitranġa billi possibilment isirlu railing pulit fuqu mhux inżiduh bil-ġebel. Huwa propona li għandna nibgħatu reminder lid-Direttur Mark Formosa dwar x'jista jsir fuqu.

16.8 Is-Sindku propona li għandna niċċekjaw dwar il-possibilita' ta' ħarġa fuq Cruise liner fil-Port il-Kbir għal-ġurnata.

16.9 Is-Segretarja rreferiet għat-talba li għamlu l-organizatturi ta' Skolasajf sabiex rappreżentant mill-Kunsill jissieħeb f'mixja qasira lejn l-iskola bħala 'Walk to School Campaign'. Sar qbil li għandu jmur il-Viċi Sindku Kevin Cauchi.

16.10 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi semma' li s-sign tar-roadhump li hemm ħdejn il-Pjazza tad-Dehra ma tidhirx ħafna u talab sabiex titħarrek jew issir oħra. Il-Kunsill qabel li għandu jżid tabella oħra.

16.11 Il-kunsillier Peter Caruana rrefera għall-periklu li hemm xħin minn Triq il-Mogħdija tiġi biex toħroġ għal Triq l-Imġarr minħabba trakkijiet li jkunu qegħdin iħottu ħdejn ta' Dirjanu. Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet ukoll li anke xħin tkun ħiereġ minn Triq J F DeChambray għal quddiem tar-Rexy hemm periklu kbir għax ma tkunx tista tara sew minn ġej minn fuq. Sar qbil li għandna nressqu dawn it-talbiet quddiem Transport Malta u nitolbuhom management aħjar matul Triq l-Imġarr kollha.

16.12 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex titranġa mera f'Cordina Street biex tiġi ssetjata biex ikollha viżżjoni aktar ċara.

16.13 Sar qbil ukoll li għandu jsir Traffic management ukoll f'Benghazi Street u fi Triq Malta.

16.14 Il-Kunsilliera Karen Xuereb talbet sabiex isiru double yellow lines fit-tarf ta' Triq Firilla.

16.15 Sar qbil li nhar l-Erbgħa 3 t'Awwissu 2016 fis-7:00pm issir laqgħa tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem.

16.16 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ħarġa għall-Sqallija li ser issir nhar it-8 ta' Settembru organizzata mill-Football Club. Sar qbil li l-Kunsill għandu jikkollabora billi titħallsilhom l-coach miċ-Ċirkewwa lejn l-airport u lura.

16.17 Is-Sindku rrefera għall-fatt li ser jagħtuna żewġ bins għar-rimi ta' ħwejjeġ. Sar qbil li dawn għandhom jitpoġġew ħdejn il-Kunsill.

16.18 Ġiet trattata t-talba li daħlet fil-Customer Care sabiex jinqata' l-ħaxix ta' Triq il-Brieghen.

16.19 Ġiet trattata t-talba mingħand Frankie Cutajar sabiex targa fi Triq l-Imgarr tinzebaħ bl-isfar biex tiġi tidher għax perikoluża. Sar qbil li għandna nibgħatu din it-talba lil Transport Malta.

16.20 Ġie approvat il-kont tal-extra works li għamel il-kuntratt X-Treme Technologies fil-pjazza tad-Dehra skond kif approvat mill-Inginier Joseph Azzopardi. Sar qbil li

mill-kont għandu jitnaqqas l-ammont imħallas żejjed li rriżulta wara inspection li saret mill-Paying Agency.

16.21 Ġiet trattata t-talba sabiex jinbena ħajt fejn tar-Rexy u ieħor fi Triq ta' Bordin ta' għalqa li tinsab taħt ir-riħ.

16.22 Saret referenza għall-kampanja ta' qari "Aqra Miegħi" li qed issir għat-tfal żgħar u għal fatt li l-lokalita' t'Għajnsielem ġiet eskluża. Wara li għamilna l-indaġni tagħna rriżulta li ma saritx Għajnsielem għax ma kellhomx għalliema. Talbuna biex insibu għalliema aħna u huma jaghtuha t-taħriġ meħtieġ.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filghaxija u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgha 31 t'Awwissu fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**